

EBA/GL/2015/05

---

07.08.2015

---

## Linji gwida

---

dwar id-determinazzjoni ta' meta l-likwidazzjoni ta' assi jew obbligazzjonijiet taħt proċeduri normali ta' insolvenza jista' jkollha effett ħażin fuq suq finanzjarju wieħed jew aktar taħt l-Artikolu 42(14) tad-Direttiva 2014/59/UE

# Linji gwida tal-EBA dwar id-determinazzjoni ta' meta l-likwidazzjoni ta' assi jew obligazzjonijiet taħt proċeduri normali ta' insolvenza jista' jkollha effett ħażin fuq suq finanzjarju wieħed jew aktar taħt l-Artikolu 42(14) tad-Direttiva 2014/59/UE

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Supervizzjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 07.10.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2015/05'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

## Titolu I - Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

1. Il-linji gwida jipromwovu l-konverġenza ta' prattiki superviżorji u ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 42(5) tad-Direttiva 2014/59/UE dwar id-determinazzjoni ta' meta l-likwidazzjoni ta' assi jew obligazzjonijiet taħt proċeduri normali ta' insolvenza jista' jkollha effett ħażin fuq is-suq finanzjarju.
2. Il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

## Titolu II - L-effett ħażin tal-likwidazzjoni ta' assi jew obligazzjonijiet fuq is-suq finanzjarju

3. Meta jivvalutaw jekk is-suq għal ċerti assi jew obligazzjonijiet huwa ta' tali natura li l-likwidazzjoni ta' dawn l-assi taħt proċeduri normali ta' insolvenza jista' jkollha effett ħażin fuq suq finanzjarju wieħed jew aktar, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw is-sitwazzjoni tas-suq għal dawn l-assi, u l-impatt ta' disponiment ta' dawn l-assi fuq is-swieq li jiġu nnegożjati fihom u fuq l-istabilità finanzjarja. Madankollu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni m'għandhomx jassumu deterjorament fil-kwalità tal-assi kkonċernati jew swieq li ma jkunux qegħdin jiffunzjonaw bħala rekwiżiti meħtieġa biex wieħed jikkonkludi li l-likwidazzjoni jista' jkollha effett ħażin fuq suq finanzjarju wieħed jew aktar.
4. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw mill-inqas l-elementi li ġejjin, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-urġenza tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni:
  - (a) jekk is-suq għal dawn l-assi huwiex indebolit, abbażi ta' dawn l-indikaturi:
    - (i) l-iżvilupp tal-likwidità tas-swieq għal dawn l-assi jew klassijiet ta' assi komparabbli;
    - (ii) jekk dawn l-assi jew klassijiet ta' assi komparabbli ġewx ikklassifikati bħala indeboliti għall-finijiet ta' kontabilità u jekk ittieħdux provvedimenti mill-istituzzjonijiet rigward dawk l-assi;
    - (iii) it-telf imġarrab u flussi tal-flus instabbli taħt dawn l-assi;
    - (iv) l-aġġustamenti tal-valur 'l isfel tal-assi jew żviluppi fil-prezz korrispondenti ta' ħeġġijiet assoċjati jew klassijiet ta' assi komparabbli;
    - (v) il-volatilità għolja fil-prezzijiet meta mqabbla mas-suq iġenerali, b'mod partikolari differenzi mhux tas-soltu ta' prezzijiet għoljin bejn swieq differenti li s-soltu juru żvilupp identiku;
    - (vi) it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-ishma u d-deterjorament tal-kundizzjonijiet ta' klassifikazzjoni u ta' rfinanzjament ta' istituzzjonijiet li jkollhom ammonti kbar ta' dawn l-assi, meta mqabbla mal-bqija tas-suq;

- (b) L-impatt ta' disponiment ta' dawn l-assi fuq is-swieq fejn jiġu nneozzjati, waqt li jiġi kkunsidrat:
- (i) id-daqs tas-swieq ikkonċernati u l-medda ta' xerrejja potenzjali;
  - (ii) l-impatt li l-likwidazzjoni tal-assi hija mistennija li jkollha fuq il-prezzijiet għal prezzijiet ta' assi komparabbli;
  - (iii) il-perjodu ta' żmien mistenni għal-likwidazzjoni tal-assi taħt proċeduri normali ta' insolvenza, inkluża l-possibbiltà ta' bejgħ aċċellerat minħabba periklu;
- (c) is-sitwazzjoni tas-swieq finanzjarji u l-effetti diretti u mhux diretti ta' disponiment ta' dawn l-assi, filwaqt li jiġi kkunsidrat:
- (i) ir-riskju ta' kriżi sistemika, kif jidher min-numru, mid-daqs jew mis-sinifikat ta' istituzzjonijiet li huma f'riskju li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal intervent bikri jew il-kundizzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew f'riskju li jgħaddu minn proċedura ta' insolvenza, jew kif jidher mill-appoġġ finanzjarju pubbliku lill-istituzzjonijiet jew faċilitajiet ta' likwidità straordinarji pprovduti mill-banek ċentrali;
  - (ii) jekk il-bejgħ tal-assi jew l-indeboliment tas-swieq jistax jirriżulta f'kontaġju, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ammont ta' assi jew klassijiet ta' assi komparabbli miżmuma mill-istituzzjonijiet, jew meta dawn il-holdings huma stmati fil-prezzijiet tas-suq;
  - (iii) tnaqqis jew żieda fil-prezzijiet ta' finanzjament għal żmien qasir jew medju disponibbli għall-istituzzjonijiet;
  - (iv) indeboliment fil-funzjonament tas-suq ta' finanzjament interbankarju, kif jidher b'mod partikolari minn żieda fir-rekwiżiti tal-marġni, tnaqqis fil-klassifikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet u tnaqqis fil-kollateral disponibbli għall-istituzzjonijiet.
5. L-elementi elenkati fil-paragrafu ta' hawn fuq huma mingħajr preġudizzju għal aktar elementi, li l-valutazzjoni tagħhom titqies rilevanti mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni f'kull każ speċifiku filwaqt li jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi partikolari.
6. Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun qiegħda tikkunsidra t-trasferiment tal-assi u l-obbligazzjonijiet, b'mod partikolari portafoll ta' derivattivi jew assi u obbligazzjonijiet għan-negożjar, li huma legalment jew ekonomikament interkonnessi, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tivvaluta l-elementi taħt il-paragrafu 3 anki fir-rigward tal-portafoll kollu kemm hu u ta' portafolli komparabbli. Barra minn hekk, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tivvaluta l-impatt li x-xoljiment tal-portafoll jista' jkollu fuq is-swieq finanzjarji, waqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-effett fuq il-kontropartijiet għal dawn l-assi u l-obbligazzjonijiet, bħall-waqfien ta' relazzjonijiet ta' ħħeġġjar u l-ħtieġa li tinstab sostituzzjoni għalihom, jew l-impatt fuq kontropartijiet ċentrali jew rekwiżit speċjali tagħhom.

## Titolu III - Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

Dawn il-linji gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2015.

Dawn il-Linji Gwida għandhom ikunu riveduti sal-31 ta' Lulju 2017.